# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 11 ta' Jannar 2016**

**Kawza Numru : 23**

**Citazzjoni Numru : 879/2005/JPG**

**Carmen Portelli armla ta' George Portelli (K.I. 716451M),**
**Denise Spiteri (K.I. 56970M), Jeffrey Portelli (K.I. 166774M)**
**u Mariella Portelli (K.I. 243780M),**
**ulied il-mejjet George Portelli**

**Vs**

**Jonathan Mifsud (K.I. 44488M)**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-atturi tal-20 ta'Settembru 2005 li jaqra hekk:

*"Billi l-atturi huma 1-armla u 1-ulied tal-mejjet George Portelli li miet f'Hal Far fil-21 ta' Marzu 2001 meta mar jara l-karozzi li kien hemm fuq ir-runway ta'Hal Far, limiti ta' Birzebbugia. Kien il-jum tal-Hadd, 18 ta' Marzu 2001, filghodu, meta jkun hemm "bizibilju nies" (ara paragrafu 6 tal,-process verbal tal-*

*Magistrat Inkwirenti) dilettanti tal-karozzi, kemm fit-triq iduru mal-karozzi biex jarawhom sew, kif ukoll bilqieghda fuq il-hitan mal-gnub tat-triq.*

*Billi fil-jum li fih sehh l-incident, cioe' fit-18 ta' Marzu 2001 , l-imsemmi George Portelli safa imtajjar minn karozza misjuqa mill-konvenut Jonathan Mifsud, 1i halliet tyre-marks tmintax-i1 metru (18 m.) twal.*

*Billi - minkejja l-presenza ta' "bizibilju nies" u r-riskju kbir ghalihom - il-karozza li tajjret lil George Portelli kienet qed taccellera b'velocita'. Mad-daqqa George Portelli ghola 'l fuq u ttajjar 4 metri 'l quddiem u nizel b'tisbita kbira.*

*Billi evidenza inkonfutabbli tal-velocita' li biha kienet qed tigi misjuqa l-karozza hija l-hsara konsiderevoli 1i kellha l-istess vettura involuta fl-incident.*

*Billi minkejja l-kura intensiva li nghatatlu fl-Isptar San Luqa, wara tlett ijiem George Portelli spicca minghajr ebda sinjali ta' hajja u gie ccertifikat mejjet. Huwa kellu fratturi tal-kranju, tax-xewka ta' dahru.*

*Billi l-incident in kwistjoni gara minhabba traskuragni grassa, imprudenza, nuqqas ta' proper lookout u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tas-sewwieq tal-karozza, l-kovenut Jonathan Mifsud.*

*Billi l-konvenut, interpellat biex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni, naqas li jaghmel dan.*

*Jghid i1-konvenut ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandhiex din il-Qorti:*

1. *Tiddikjara illi l-incident in kwistjoni li fih gie mtajjar u maqtul 1-imsemmi George Portelli fit-18 ta' Matzu 2001 f'Hal Far gara minhabba traskuragni grassa, imprudenza, nuqqas ta' proper lookout u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.*

2. *Tiddikjara lil1-konvenut responsabbli ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-atturi."*

3. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi*

4. *Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat bhala danni b'rizultat tal-mewt ta' George Portelli.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tas-6 ta' Frar 2002 u tad-19 ta' Frar 2004 kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni."*

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa tal-atturi tal-20 ta' Settembru 2005 illi ttenni dak sostnut fic-citazzjoni;

Rat illi l-atti tac-citazzjoni, digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-konvenut skond il-ligi;

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tal-konvenut tas-17 ta' Jannar 2006 (a fol. 12) li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament l-atturi ghandhom jippruvaw, l-interess guridiku taghhom f'dina l-kawza u dana billi jgibu l-provi kollha necessarji sabiex jippruvaw illi huma l-unici eredi legittimi tal-mejjet George Portelli;*

2. *Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispeijez kontra l-atturi u dana stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort tal-konvenut izda sehh unikament tort ta' George Portelli u minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' " proper lookout" da parti tieghu, hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

3. *I1li subordinatament, l-atturi ghandhom igibu l-prova tad-danni kollha allegatament sofferti minnhom per konsegwenza ta' dan 1-incident u b'mod partikolari kull provi rigward l-introjtu finanzjarju tad-decujus.*

4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz."*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Jonathan Mifsud tas-17 ta' Jannar 2006 li ttenni dak iddikjarat fin-nota t'eccezzjonijiet ;

Rat d-digriet tas-17 ta' Frar 2006 li bih il-Qorti, kif diversament preseduta, innominat lill-Assistant Gudizzjarju Dr. Yvette Cassar (a fol. 16 et seq);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-decizjoni taghha moghtija fis-27 ta'Gunju 2014 (a fol. 237 et seq.);

Rat id-decizjoni taghha moghtija fil-5 ta' Novembru 2014 (a fol. 257 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi Carmen Portelli et tad-29 ta' Lulju 2015 ( a fol. 278 et seq.);

Rat in-nota ta'sottomissjonijiet tal-konvenut Jonathan Mifsud tad-29 ta' Settembru 2015 (a fol. 288 et seq.);

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

**L-Ispettur Maria Stella Attard,** a fol 19 et seq, xehdet bil-gurament fis-7 ta' April 2006 illi fit-18 ta' Marzu 2001 ghal habta ta' nofsinhar il-pulizija ta' Birzebbugia kienu gew infurmati li kien sehh incident f'Hal Far Road, Birzebbugia fejn kienu involuti vettura bin-numru tar-registrazzjoni GTI 190 ghamla Peugeot 205 misjuqa mill-konvenut u George Portelli. Konsegwenza tal-incident kienet saret inkjesta Magisterjali. Portelli kien certifikat li kien fil-perikolu tal-mewt mill-espert mahtur mill-Qorti, fil-presenza taghha. Spettur Attard spjegat illi f**ejn gara l-incidet kien fuq in-naha tal-lemin, mhux boghod minn naha tal-boundary wall fejn issoltu jkun**

**hemm karozzi pparkjati kif ukoll nies li jaraw il-karozzi ghaddejin.** Hija ftakret illi waqt li l-karozza tal-konvenut kienet qed tigi ezaminata mill-esperti forensici, kien gie osservat demm taht il-bumper ta' quddiem tal-karozza. Hija kienet kelmet lil konvenut kemm fuq il-post, kif ukoll fl-ghassa tal-pulizija ta' Birzebbugia. Maghha, il-konvenut allega illi huwa kien ghaddej go Triq Hal Far direzzjoni l-isfel li tinfed ghal Ghar Hasan, u nnota persuna mhux maghrufa taqsam it-triq, u f'daqqa u l-hin George Portelli gie milqut mill-istess vettura. Il-konvenut innega kull allegazzjoni ta' overspeeding u li kien qieghed isuq fin-nofs tal-istess triq.  Spettur Attard qalet illi George Portelli kien ittiehed l-Isptar San Luqa permezz ta' ambulanza u kien inzamm l-ITU peress li kien qed isofri minn griehi ta' natura gravi, u kien fil-perikolu tal-mewt Fil-21 ta' Marzu 2001, ghal habta tan-nofs siegha ta' filghodu, kienet giet infurmata minn nursing officer tal-ITU li Portelli kien miet. Spjegat li fit-22 ta' Marzu 2001 kienet saret awtopsja mill-patologisti Dr. Salfraz u Dr. Ellul. Qalet wkoll illi l-konvenut kien tressaq il-Qorti akkuzat li kkaguna mewt involontarju, li saq vettura b'manjera perikoluza peress li fuq il-post irrizultaw indikazzjoni ta' xi break marks, u li, minhabba dak li rrizulta fuq il-post, saq b'negligenza u bi speed eccessiv. Fiz-zmien li xhedet Spettur Attard il-proceduri kriminali kienu ghadhom ghaddejin, u l-provi tal-prosekuzzjoni kienu ghadhom ma gewx malghuqa. Hi kkonfermat illi **fuq il-post kien hemm kwantita ta' nies, u li fit-triq fejn inltaqat il-vittma il-hin kollu jaqsmu n-nies.**

Giet prezentata in atti kopja awtentika tar-**relazzjoni tal-Avukat Dr. Yana Micallef Stafrace**, li kienet giet mahtura bhala perit legali waqt l-Inkjesta mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona, liema relazzjoni tinsab ezebita a fol 28 – 35. L-Avukat Dr. Micallef Stafrace kienet zammet access fuq il-post tal-incident, u rrelatat illi l-vettura tal-konvenut kellha '***...l-windscreen mifqugh stilla l-aktar lejn il-lemin bil-parti ta' fuq il-windscreen bil-body minsus. Front right fanal mifqugh u l-bumper tahtu mifqugh.***' Hija rat ukoll ukol demm mal-genb tal-fanal mifqugh kif ukoll r**oqgha ta' sustanza tidher demm , kif ukoll zarbuna, xi 4m as the crow flies quddiem il-vettura**. Hija rrelatat li triq fejn sehh l-incident fatali hija dritta u xotta, b'vizwali tajba ghas-sewwieq u li t-tyres tal-vettura kienu jidhru godda. Qalet ukoll illi '[**m]ill-front left tyre mark int u thares lejn il-vettura kif ukoll il-front right hemm tyre mark 'faint' hafna ta' xi tmintax -il metru**.' Irrelatat li meta marret fuq il-post kien hemm

hafna karozzi telghin u nezlin u “udjenza” konsiderevoli, peress illi dan kien “runway” notorjament fejn il-karozzi jmorru sabiex itelqu.

**Quddiem Dr. Micallef Stafrace, il-konvenut xehed illi ma kienx jaf b'kemm speed kien qieghed ghaddej meta laqghat lill-vittma**. Huwa qal li fuq il-karregata tieghu kien qieghed wahdu, filwaqt li fuq il-karregata l-ohra kien hemm hafna karozzi sejrin fid-direzzjoni opposta. **Qal ukoll li kien hemm hafna nies faccata fuq ic-cint jaraw il-karozzi**. Qal li '[**f**]**'daqqa hareg wiehed fosthom u qasam u jien waqaft u fid-daqqa u l-hin hareg iehor u baqa hiereg dritt. L-ewwel wiehed gera u rnexxieli nevitah, naqqas u rajtu, filwaqt li l-iehor zgiccalu minn warajh izda ma rnexxiliex narah u lqattu.**'  Huwa qal li dan it-tnejn minn nies qasmu minn fost il-karozzi. Spjega kif **il-vittma tela fuq il-windscreen u spicca fejn kien hemm ir-roqgha demm qrib il-hajt.** Qal li l-karozza halliha kif sabuha fl-access, fejn kien prezenti, u li mar fuq il-vittma flimkien ma' hafna nies. Qal illi huwa kien fuq **third gear bl-iskop li jekk jitbattlu l-karozzi jirrezja ftit i**zda li ma kienx qed jaghmel hekk meta laqghat il-vittma.

Giet prezentata wkoll kopja vera tal-**proces verbal redat mill-Magistrat inwkirenti Dr. Antonio Micallef Trigon**a, li tinsaba fol 37 – 42 tal-process. Minn dan jirrizulta illi l-kawza tal-mewt, stabbilita permezz ta' awtopsja, kienu **'fractured skull and spine.'** Il-Magistrat inkwirenti kkonferma illi l-post fejn gara l-incident hu frekwentat hafna fil-Hdud u li filfatt kien gie osservat li kien hemm ghadd kbir ta' nies bilqieghda fuq il-hitan ta' mal-gnub jaraw il-karozzi ghaddejin. Huwa ikkonstata illi '**[f]'dan il-kaz huwa mportanti hafna l-lokalita tal-incident. Min imur ir-runway ta' Hal Far il-Hadd filghodu jaf x'ser isib, bizibilju karozzi telghin u nezlin u bizibilju nies maghhom biex jaraw l-istess karozzi. F'dawn ic-cirkostanzi, kemm is-sewwieqa kif ukoll il-pedestrians iridu joqghodu attenti hafna**.' Il-proces verbal jikkonferma illi **l-konvenut halla marki tat-tyre twal mat-tmintax -il metru warajh u li tefa lill-vittma mal-1 – 4 metri l-quddiem wara li laqtu, apparti li l-vettura li kien qed isuq kienet danneggjata konsiderevolment. Barra minn hekk, il-vittma kien qasam iktar minn nofs tat-triq meta gie milqut, u b'hekk il-konvenut kellhu aktar cans sabiex jarah, anke jekk ghadda minn bejn il-karozzi. Skont il-Magistrat Inkwirenti, '[d]***an kollu juri speed esagerat hafna ghall-lokalita u cirkostanzi tal-lok tal-incident.*' **Il-Magistrat Inkwirenti ikkonkluda li l-**

**konvenut kien negligenti ghaliex li kieku kien qed izomm *proper lookout* u kien qed isuq bi speed aktar moderat, x'aktarx kien jevita l-incident.** Ikkonkluda wkoll li l-vittma kien ukoll negligenti fil-komportament tieghu peress li kien perikoluz ill jaqsam minn bejn vetturi qeqfin jew mexjin bil-mod, specjalment go post bhar-runway ta' Hal Far li jkun mimli karozzi.

Gie prezentata wkoll l-*employment history* tal-vittma, a fol 43 – 44, li turi li huwa kien impjegat full-time mal-Forzi Armati ta' Malta mit-28 ta' Settembru 1973 sal-1 ta' Lulju 1979; imbaghad full-time ukoll mat-Telemalta Corporation bejn il-25 ta' Gunju 1979 sal-31 ta' Dicembru 1997; part-time ma' Hotel Milano Gue bejn id-19 ta' Gunju 995 sal-11 ta' Awissu 1996; full-time mal-Maltacom p.l.c. bejn l-1 ta' Jannar 1998 u r-4 ta' April 1999 u finalment part-time casual ma' Island Hotels Group Ltd bejn il-15 ta' Jannar 2001 u l-20 ta' Marzu 2001.

Gew prezentanti wkoll Notamenti Dwar Emolumenti u tnaqqis ta' taxxa ghas-snin 1993 – 1997 a fol 45 – 49. Dawn juri li fis-sena 1993, id-dhul gross tal-vittma kien ta' Lm3166.27. Fis-sena 1994 Lm3523.75, fis-sena 1995 Lm4266.02 fis-sena 1996 Lm4157.62 u fis-sena 1997 Lm4517.32.

A fol 50 jinsab dokument li jiccertifika li ma jirrizulta li gie insinwat l-ebda testment mill-vittma, u a fol 51 jinsab dokument li jiccertifika illi ma jirrizulta l-ebda testment sigriet depositat fir-registru tal-Qorti mill-vittma.

Mariella Portelli, bint il-vittma xehdet fis-26 ta' Mejju 2006 (fol 55), fejn ikkonfermat li l-ahhar impjieg ta' missierha kien fil-Bugibba Holiday Complex fid-dipartment tal-maintenance. Hija xehdet ukoll fit-3 ta' Novembru 2006 (fol 77) fejn prezentat kopji tal-gazzetti li gabu rapporti tal-incident mertu ta' dawn il-proceduri. Hija reghet xehdet fl-11 ta' Ottubru 2012 (fol 177 – 178) fejn qalet illi fiz-zmien meta tilef hajtu missierha, kienet tghix fid-dar flimkien mal-genituri taghha, flimkien ma' bintha ta' erbgha snin u u huhha. Xehdet ukoll fl-24 ta' Ottubru 2013 (Fol 209) fejn sostniet illi l-Bugibba Holiday Complex kienu ser jaghmlu lill-missierha full-time dak iz-zmien.

In kontro-ezami, ukoll a Fol 209 qalet li tiftakar li missierha kien mar id-dar ferhan li kienu ser jaghmluh full-time, izda ma tiftakarx kemm wara li beda jahdem fil-Bugibba Holiday Complex kien gara dan.

Fit-3 ta' Novembru 2006 xehed PC 1525 Patrick Farrugia, li qal li ma setghax jesebixxi r-ritratti mehuda mill-pulizija waqt l-investigazzjoni tal-incident fatali in kwistjoni, kif kien mitlub fl-ingunzzjoni, peress illi dawn jinsabu ezebiti fil-proces verbal quddiem il-Magistrat Dr. Micallef Trigona u li ghalhekk kien hemm bzonn li ssir talba mill-atturi sabiex tinghata awtorizzazzjoni mill-Magistrat Inkwirenti.

**Louis Gauci Borda**, prodott mill-atturi xehed fit-3 ta' Novembru 2006 (fol 75 – 76), xhed li dakinhar tal-incident huwa kien jinsab fuq il-post peress illi huwa dilettant. Qal li dakinhar kien hemm hafna nies u karozzi. Sostna li waqt li kien qieghed fuq ic-cint flimkien mat-tifel tieghu **semgha daqqa ta' habta, u kif dawwar wiccu ra lil George Portelli joghla fl-arja**, ghalkemm dak il-hin kien ghadu ma ntebahx li l-persuna li ra kienet proprju Portelli. **Dak il-hin ghada kumment 'x'daqqa tah.**' Huwa hares waqt l-impatt u ra karozza Peugeot 205 bajda. Qal li din il-vettura kellha l-iktar hsara fil-windscreen u fuq is-saqaf. Qal ukoll li **d-distanza li kien hemm bejn il-vettura u l-vittma kienet ta' bejn u iehor mejda.**

In kontro-ezami, waqt is-seduta tal-24 ta' Gunju 2011 (fol 162), huwa qal li ma setghax jindika fejn gara l-incident fuq il-pjanta murija lilu peress li hemm parti nieqsa, izda kkonferma illi l-incident gara hdejn il-Playmobil

**Michael Gatt**, prodott mill-atturi xehed fl-20 ta' Gunju 2008 (fol 106 – 108). xhed li dakinhar tal-incident fatali huwa kien qieghed fuq il-post , u l-vittma, li kien qieghed fuq in-naha taghhom, iddecieda li jaqsam ghax ried kafe. Qal li **malli Portelli wasal fl-ahhar tat-triq ghollietu karozza.** Ikkonferma li fuq il-post dejjem ikun hemm hafna nies jaraw il-karozzi, u li dak iz-zmien, it-triq ma kienetx proprja track tal-karozzi, izda kienet haga aktar informali. Jghid li l**-vittma ittajjar fil-bicca tal-bidu u mhux fil-bicca t'isfel fejn il-karozzi jkunu lahqu tellghu certu speed.** Huwa qal ukoll li dakinhar tal-icnident ma kienx gie mitkellem mill-pulizija.

In kontro-ezami huwa rega kkonferma li Portelli kien hdejh u qasam biex imur jixtri mill-gabbana, li kienet faccata taghhom. Huwa qal ukoll li **f'dik il-parti tat-triq fejn ittajjar Portelli in-nies jaqsmu specjalment minhabba li hemm il-gabbana. Spjega li fuq ir-runway, fejn il-konvenut tajjar lil Portelli, generalment jitilqu zewg karozzi izda meta ttajjar Portelli mhuwiex cert jekk kienux wahda jew tnejn.**

Fl-24 ta' Gunju 2011, wkoll in kontro-ezami (a fol 161 – 162) Michael Gatt indika fuq pjanta murija lilu mill-konvenut fejn sar l-incident, li fi kliem sehh ezatt fejn il-Playmobil, jigifieri fil-bidu tar-runway.

Denise Spiteri, bint il-mejjet Portelli, xehdet (fol 115) li prezentat numru ta' dokumenti.

A fol 135 – 137 tinsab ezebita **vera kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' Frar 2010 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jonathan Emanuel Mifsud** fejn, fuq l**-istess Qorti kienet sabet lill-konvenut hati tal-akkzui kallha dedotti kontra tieghu**, u cioe illi (1) nhar it-18 ta' Marzu 2001 filghodu, gewwa l-ex runway u cioe fi Triq Hal Far, B'bugia, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' George Portelli kif iccertifikat mill-Isptar San Luqa; (2) aktar talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi saq il-vettura ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni GTI-190 b'manjera perikoluza; u (3) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq l-istess vettura b'mod negligenti u speed eccessiv; u dan **fuq ammissjoni tal-konvenut stess.**

A fol 172 tinsab ezebita l-FS3 tal-vittma ghas-sena 2001 li turi li bejn il-15 ta' Jannar 2001 u l-20 ta' Marzu 2001, **id-decujus kellu paga gross ta' Lm587.60**.

Lilian Rogers, in rappresentanza ta' **Islands Hotels Group**, xehdet fl-14 ta' Gunju 2013 illi l-mejjet kien impjegat bhala part-timer b'paga ta' Lm1.90 fis-siegha, u kkonfermat illi l-firma fuq id-dokument ezebit a Fol 172 kienet taghha. Xehdet ukoll illi ma kienetx a konnoxxenza ta' xi prospetti ohrajn ta' impjieg li l-kumpanja kellha ghad-decujus peress li dan ma kienx kompitu taghha izda tal-HR manager.

**Il-konvenut** xehed permezz ta' affidavit, li jinsab ezebit a Fol 206 – 206 tal-process. Huwa jghid li dak in-nhar tal-incident huwa kien mar Hal Far peress li dakinhar jingemghu hafna nies u dilettanti tal-karozzi, u peress li kellhu l-hsieb li jbiegh il-karozza kien mar biex forsi xi hadd jaraha u jithajjar jixtriha. **Huwa jispjega illi kien qed ifittex fejn jipparkja, u kien ghaddej bi speed ta' bejn wiehed u iehor 30 jew 40 km fis-siegha, tant li kien ser jaqleb mit-tieni u ghat-tielet gear.** Huwa qal li kien hemm traffiku kemm tiela u kemm niezel; fuq il-karregata l-ohra kien hemm serbut twil ta' karozzi mexjin bil-mod, filwaqt li **fil-karregata fejn kien qed isuq hu it-traffiku kien izjed mexxej; quddiem kien hemm karozza ohra, miexja tul ta' xi karozza u nofs jew tnejn quddiemu, u warajh kien hemm xi vetturi wkoll.**

**Huwa jghid li f'daqqa wahda fegget persuna minn naha tal-lemin, minn wara vettura pjuttost gholja, meta kien daqs tul ta' nofs karozza il-boghod minnu. Qal li din il-persuna harget tigri, u kif lemhu ghafas il-brake.** Spjega li **bl-impatt, din il-persuna rikbet il-bonnet tal-vettura tieghu, b'genbu baqa' diehel gol-windscreen u rasu habtet mal-parti ta's-saqaf fejn dan imiss mal-windscreen**, fuq in-naha tax-xellug. Jghid li huwa ma setghax jara lil din il-persuna qabel ma fegg minn bejn l-vetturi minhabba t-traffiku li kien tiela mid-direzzjoni opposta.

**Jghid li l-karozza tieghu halliet brake marks ta' hames metri biss sakemm waqaf dead-stop**, u li l-vettura tieghu baqghet kompletament dritta fil-karregjata tieghu.

**Jghid ukoll li kien hemm hafna nies bhalma jkun hemm kull nhar ta' Hadd.**

Ezebixxa sketch li hejja huwa stess u li juri l-post tal-incident.

In kontro-ezami, fis-6 ta' Marzu 2014 (Fol 217 – 223) jikkonferma illi fil-proceduri kriminali kontra tieghu huwa kien ammetta l-akkuzi kollha kontra tieghu, izda dan jghid li ghamlu ghaliex xi hadd kien qallu li jew jaghmel hekk jew imur il-habs, u li ma jiftakarx jekk l-akkuzi gewx spjegati lilu sew. **Qal li huwa seta' jara tul ta' karozza u nofs quddiemu, peress li kien hemm karozza ohra quddiemu.** Mistoqsi xi prekawzzjonijiet ha fil-kaz li tinqala emergenza, huwa irrisponda illi halla distanza normali minn karozza ghal ohra u kellhu ghajnejh miftuhin. Ikkonferma li **kien**

**ghaddej bi speed normali u li kien ghaliex id-decujus hareg f'daqqa li ma rrnexilux jieqaf mill-ewwel.** Qal li d-decujus ma lemhux jaqsam.

Il-konvenut rega xehed in kontro-ezami fid-28 ta' Jannar 2015 (Fol 268 – 278), xehed illi huwa **kien qieghed jirrezja l-karozza** u li kien qed jaqleb mit-tieni ghat-tielet gear.Huwa spjega li l-ewwel persuna li qasmet kien qasmet il-boghod minnu, izda l-**vittma kien qasam minn quddiem il-vettura tieghu ezatt.** Rega qal li lill-vitma ma rahx. Huwa kkonferma l-hsarat li jidhru fir-ritratt tal-vettura a Fol 79. **Nnega li l-vittma tar bl-impatt, u qal li l-vittma tgerbeb minn fuq il-bonnett** u waqa' ftit metri l-boghod quddiem il-vettura tieghu.

**Ikkonsidrat:**

Illi l-atturi pruvaw sal-grad rikjest mill-ligi illi huma l-unici eredi tal-mejjet Portelli.

**Ikkonsidrat:**

Illi skond il-principju generali f'materja ta' incidenti stradali, hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan tieghu skond l-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi li jkun jinsab fihom, bhal per ezempju l-hin ta' bil-lejl, il-kondizzjoni tal-klima jew tat-temp, l-istat tat-toroq u cirkostanzi ohra li jinfluwixxu fuq l-incident stradali (Kollez Vol XLVI P I p 112; Vol LI P I p 210). Il-kriterju tar-responsabilita tas-sewwieq tistrieh fuq in-nozzjoni tad-diligenza li ssewwieq tal-vettura ghandu jadopera fis-sewqan tieghu. In-nuqqas ta' dan din id-diligenza ghandha l-konsegwenzi taghha – vide l-Artikolu 1032(1) tal-Kodici Civili u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili (Sede Nferjuri) fl-ismijiet **Fogg insurance Agences Lited noe vs tal-Maghtab Construction Company Limited** per Imhallef Dr Philip Sciberras u deciza fit-3 ta' Novembru 2004.

L-Artikoli 1030 et sequitur tal-Kodici Civili, jipprovdi li huwa responsabbli ghad-danni dak li jikkaguna hsara lil haddiehor minhabba tort da parti tieghu b'rizultat ta' nuqqas ta' prudenza, diligenza u attenzjoni ta' bonus paterfamilias. Il-prova illi l-konvenut huwa hekk responsabbli tinkombi fuq l-attur li ppropona l-proceduri, ghaliex kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **"Dr. H. Leniker vs H. Camilleri"** (kif kwotat fis-

sentenza moghtija minn din il-Qorti kif preseduta fis-27 ta' Jannar 2011 fl-ismijiet **Saviour Cutajar vs Julian Attard**): ***"Jekk l-attur ma jgibx din il-prova, l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex mhux legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara tort tal-attur).*"**

Illi ghalhekk sabiex wiehed jista jghid li l-konvenut kien jahti ghal habta minhabba sewqan traskurat jew negligenti jrid jintwera li kien tassew negligenti jew traskurat u li kien hemm ness ta' kawzalita bejn il-fatt kolpuz u l-konsegwenza dannuza. (Vide sentenzi fl-ismijiet: **Martin Paul Vella et vs Chris Micallef** App Inf deciza 6 t'Ottubru 2010; **Charles Gauci et vs Maria Borg Mizzi et** noe Prim Awla deciza 25 ta'Novembru 2004; App. Inf. deciz 23 ta' Gunju 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Govanni Vella et vs Michael Cilia; Francis Busuttil vs Sammy Meilaq no** Prim Awla deciza 9 ta'Dicembru 2002).

Illi ghalhekk biex ikun hemm danni, l-gurisprudenza taghna dejjem irriteniet li:

> ***"quando in un giudizio di risarcimento di danni l'attore allega d'aver sofferto il danno di cui reclama la rifuzione, per colpa del convenuto, egli e' nell' obbligo di provare un fatto od una omissione che porti insita la prova della colpa che egli imputa al convenuto medesimo; poiche la colpa e' un ipotesi giuridica e generica finche sta nelle disposizione della legge o nei tratti di scienza giuridica, ma deve assumere una forma materiale e specifico quando si imputa ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili."***

(Vide **Ingegnere Frank Calafato -vs- Carmelo Grech,** Appell Civili, deciza 23 ta' Novembru, 1923**) Giovanni Sarè -vs- Carmelo Farrugia et**", Appell Kummercjali, 6 ta' Frar, 1928; Appell Civili **MONTALDO INSURANCE AGENCY LIMITED (C-1052) nomine et –vs- Mark George Cremona (K.I. 550385(M))** deciza 16 ta' Dicembru, 2014).

**Ikkonsidrat;**

Mill-fatti li ngabu a konjizzjoni taghha, l-Qorti tqis il-verzjoni moghtija mill-konvenut m'hijiex verosimili jew konsistenti u m'hijiex korroborata minn provi ohra. Il-Qorti tinnota l-inkonsistenzi bejn il-verzjoni li l-konvenut kien ta lil-Av. Yana Micallef Stafrace, a tempo vergine, waqt l-inkjesta, u l-verzjoni li ta lil din il-Qorti. Filwaqt li a tempo vergine huwa qal li kien wahdu fil-karregjata tieghu, quddiem din il-Qorti qal li kien hemm traffiku tiela u niezel u li kien hemm vetturi kemm warajh kif ukoll quddiemu fuq il-karregjata tieghu. Barra minn hekk, a tempo vergine kien qal li kien qasmu zewg persuni, u li kien irnexxilu jieqaf u ma jolqotx lill-wiehed, izda l-iehor hareg minn warajh u laqtu. Fl-affidavit tieghu din it-tieni persuna ma jsemmiha xejn, u in kontro ezami jghid li l-persuna l-ohra kienet qasmet il-boghod minnu. A tempo vergine qal ukoll li meta sehh l-incident fatali huwa ma kienx qed jirrezja l-karozza, filwaqt li in kontro-ezami ammetta li fil-fatt huwa kien jirrezja l-karozza tieghu. Dan oltre l-fatt illi ghalkemm meta xehed quddiem l-Av. Yana Micallef Stafrace ma kienx jaf b'liema velocita kien qieghed isuq, mirakolazament sar **jaf dan mill-inqas tmien snin wara l-incident**, u jghid li kien qed isuq b'velocita ta' tlietin jew erbghin kilometru fis-siegha.

Il-verzjoni moghtija mill-konvenut lanqas ma hi sorretta minn testimonjanza ta' terzi u mill provi forensic rakkolti fl-inkjesta Magisterjali. Il-konvenut jghid illi lill-vittma huwa ma tajrux fl-arja, izda dan tgerbeb minn fuq il-bonnet tal-karozza tieghu. Pero **zewg xhieda okulari prodotti mill-atturi**, u cioe **Louis Gauci Borda u Michael Gatt** it-tnejn xehdu illi raw lil Portelli **itir fl-arja bl-impatt**. Ghalkemm jghid li kien hemm brake marks ta' hames metri, **l-esperti mahtura waqt l-inkjesta ikkonkludew illi t-tul tal-brake marks kien ta' tmintax -il metru.**

Barra minn hekk, ghalkemm il-konvenut jghid li Portelli fegg f'daqqa wahda minn wara karozza, Michael Gatt, li ra l-impatt, xehed illi Portelli ntlaqat **meta kien wasal kwasi in-naha l-ohra tat-triq.** L-Ispettur Maria Stella Attard ukoll xehdet lil-incident sehh ftit il-boghod mill-boundary wall.

Mehud in konsiderazzjoni l-fatt illi l-vittma kien prattikament lahaq wasal in-naha tat-triq meta ittajjar mil-konvenut, u l-fatt li l-konvenut halli tyre marks tul **ta' tmintax -il metru,** il-Qorti tqis li huwa totalment inverosimili illi l-konvenut tajjar lill-vittma ghaliex dan fegg f'daqqa wahda u ma tax cans lill-konvenut biex jieqaf. Mill-provi prodotti jidher ukoll li l-impatt kien **wiehed vjolenti**, tant illi l-vittma spicca tela fuq il-bonnet, habat mal-windscreen u s-saqaf tal-vettura u tar numru ta' metri il-boghod mill-vettura tal-konvenut. Il-griehi li garrab id-decujus u cioe’ frattura tal-kranum u tal-ispina dorsali jiriflettu il-qawwa tal-impatt kif del resto jimmanifestaw il-hsarat konsiderevoli fuq il-vettura tal-konvenut konsegwenza ta' dan l-impatt.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti hija tal-fehma li kkunsidrati dawn ic-cirkostanzi, huwa ferm aktar verosimili illi l-vittma ttajjar ghaliex il-konvenut kien qed isuq bi speed eccessiv, tant illi nonostante t-tyre marks twal tmintax -il mertu, xorta wahda kien hemm impatt vjolenti bejn il-vettura tieghu u l-vittma.

Xufier ta’ vettura m’ghandu jassumi xejn. Waqt is-sewqan ghandu d-dmir li jizgura li jzomm proper lookout u jsuq b’mod li f’kull hin ikollu kontroll shih tal-vettura tieghu;

> ***“hu obbligu ta’ kull driver li jirregola ssewqan skond il-kundizzjonijiet u c-cirkostanzi bhal ma huma l-hin ta’ billejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vejikolu, l-istat ta’ l-art, u rapporti ohra kontingenti; u hu anki dmir ta’ driver li jzomm dik li komunement tissejjah ‘a reasonable careful look-out’, liema dmir igib mieghu li d-driver jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli”***
>
> [**G. Debono vs P. Camilleri et**, Appell Civili, 23 ta’ Frar 1962 (Vol. XLVI P I p 112)]. *Sewqan bi proper lookout ma jfissirx li x-xufier jara biss li jhares ‘il quddiem.* [**David Housley et pro et noe vs Ivan Cutajar**, Citazzjoni numru 531/2006, 16 ta' Ottubru 2014].

Il-konvenut ma kellux dritt jipprezumi li minn dik it-triq ma jaqsmux nies. Skont ix-xhieda prodotti fil-mori tal-kawza, il-post fejn sehh l-incident kien generalment ikun iffrekwentat minn hafna nies dilettanti tal-karozzi. Dak in-nhar tal-incident ma kienx eccezzjoni ghal dan, u l-konvenut stess jikkonferma illi kien hemm hafna nies fuq il-post. Ix-xhud Michael Gatt xehed li kienet haga komuni li n-nies jaqsmu, specjalment mill-parti tat-triq fejn qasam Portelli, **peress illi hemm gabbana**. Ghalhekk il-konvenut kien obbligat li jsuq b'mod adattat ghac-cirkostanzi tal-post, bi speed li jaghtih cans jieqaf jekk persuna taqsam it-triq, **xi tmintax -il metru boghod minn fejn jaraha**. Il-provi prodotti fil-kawza, senjatament:-

1. It-tul tal-marki li nstabu fl-art wara l-vettura;
2. L-impatt vjolenti mall-vittma, li kkawza danni konsiderevoli fil-vettura tal-konvenut;
3. L-art kienet xotta;
4. Il-fatt li l-konvenut ma kellhux cans jieqaf;
5. Il-fatt li l-konvenut tajjar lill-vittma meta dan kien diga kwazi wasal in-naha l-ohra tat-triq,

iwasslu lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi illi l-konvenut kien qed isuq b'velocita aktar gholja minn dik li ddikjara, li ma kienetx adattata ghac-cirkostanzi tal-lok fejn kien qieghed isuq, li kien mimli nies, inkluz tfal, u li ma kienx qed izomm *proper lookout*. Il-velocita li biha kien qed isuq il-konvenut ma ppermetitlux li jkollu kontroll fuq il-vettura fil-mument tal-incident. Il-konvenut ma kienx qieghed isuq bi prudenza u fil-parametri tar-regolamenti tat-traffiku. Ma jidhirx li dan ma kienx kaz ta' pedestrian li dahal fit-trajettorja ta' vettura minghajr ma ta l-opportunita' lix-xufier li jiehu azzjoni biex jevita l-incident, izda huwa kaz fejn ix-xufier kien qieghed isuq b'velocita irresponsabbli.

Il-Qorti hija tal-fehma wkoll illi f'dan il-kaz ma kienx hemm negligenza kontributorja da parti tal-vittma. Dan ghaliex:-

1. Meta sehh l-incident, f'dik iz-zona ma kienx hemm pedestrian crossing. Dan ma kienx kaz ta' pedestrian li volontarjament ghazel li jinjora pedestrian crossing f'distanza ragonevoli;

2. Mill-provi rrizulta li fil-mument li sehh l-incident il-vittma kien diga' qasam iktar min-nofs it-triq, tant li kien kwazi wasal mal-boundary wall tan-naha l-ohra, u dan fi triq li fiha zewg karreggati. Inoltre l-impatt mal-vettura kien fuq in-naha tax-xufier, cirkostanza, li turi li meta sehh l-incident, l-vittma kien diga' qasam l-parti l-kbira tat-triq. Ghalhekk il-presenza tieghu fit-triq ma kenitx cirkostanza li kellha tahsad xufier ta' vettura li qieghed isuq b'mod diligenti.[1]

Inoltre, il-Qorti hadet wkoll in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmula mill-konvenut fil-proceduri kriminali kontra tieghu, fejn huwa ammetta, **minghajr riservi**, il-htija tieghu ghall-akkuzi ta' sewqan perikoluz, negligenti u bi speed eccessiv, kif ukoll il-htija tieghu talli kkawza l-mewt tal-vittma b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti.

Il-Qorti ghalhekk tirritjeni li l-incident gara unikament minhabba nuqqas ta' prekawzjoni da parti tal-konvenut.

Ghar-rigward il-materja ta' likwidazzjoni ta' danni, fiz-zmien tal-incident fatali, il-vittma kien imjegati fuq bazi part-time bhala *maintenance man* mal-Island Hotels Group. Ghalkemm bintu Mariella Portelli sostniet illi l-vittma kien ser jigi impjegat fuq bazi full-time mill-istess kumpanija, il-Qorti tinnota illi l-atturi naqsu milli jressqu bhala xhud lill-imjegat fis-sezzjoni tar-Rizorsi Umani tal-kumpanija li setgha jikkonferma dan u jixhed rigward il-paga li kien jircievi l-vittma kieku lahaq beda jahdem full-time. Ghalhekk il-Qorti m'ghandha l-ebda ghazla ohra hlief li toqoghod fuq l-introjtu li kellhu l-vittma fiz-zmien meta miet.

Il-vittma kellu paga ta' Lm1.90 (ekwivalenti ghal €4.41)fis-siegha, u bejn l-15 ta' Jannar 2001 u l-20 ta' Marzu 2001 huwa qaghla l-ammont ta' Lm587.60 (ekwivalenti ghal €1366.51). Ghalhekk il-Qorti tqis li huwa kien jaqla medja ta' €683.25 fix-xahar, u allura €8199.06 fis-sena.

---

1 Vida f'dan is-sens **David Housley et pro et noe vs Ivan Cutajar**, Citazzjoni numru 531/2006, 16 ta' Ottubru 2014.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina il-kwistjoni tal-Multiplier applikabbli ghal kaz in ezami.

Il-multiplier, hekk kif stabbilit fil-gurisprudenza nostrana, huwa fattur diskrezzjonali. Fil-fatt il-multiplier li jigi adoperat mill-Qrati jvarja, hekk kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijet **George Spiteri vs Raymond Fava** (Citazz. Nru. 484/2008LFS):

> *"kien ta' 5 snin fil-kaz ta' persuna ta' 53 sena* ***Mizzi vs Azzopardi*** *PA 16-Dic-2004, ta' 15 fil-kaz ta' persuna ta' 22 sena* ***Butler vs Heard*** *App Civ Sup 22-Dec-1967, 15-il sena fuq persuna ta' 24* ***Gauci vs Xuereb*** *PA 29-Ott-1970, ta' 18 fuq persuna ta' 28 sena* ***Camilleri vs Polidano*** *PA 1-Ott-1982, ta' 18 fil-kaz ta' persuna ta' 42* ***Bonnici vs Gauci*** *PA 15-Sett-1999, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 34 sena* ***Bugeja vs Agius*** *App Civ Sup 26-Lul-1991, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 33 sena* ***Dalmas vs Ghigo*** *App Civ Sup 5-Frar-1980, ta' 25 fil-kaz ta' persuna ta' 30 sena* ***Caruana vs Camilleri*** *App Civ Sup 27-Feb-2004, ta' 26 fil-kaz ta' persuna ta' 35 sena* ***Seisun vs Brincat*** *PA 29-Ott-1998, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 17* ***Turner vs Agius*** *App Civ Sup 28-Nov- 2003, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 26* ***Grima vs Penza*** *PA 30-Gun-2004, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 23 sena* ***Zammit vs Zahra*** *PA 20- Jan-2005, ta' 35 fil-kaz ta' persuna ta' 18 sena* ***Sammut vs Zammit*** *App Civ Sup 3-Dic-2004, ta' 36 fil-kaz ta' persuna ta' 20 sena* ***Mizzi vs Azzopardi*** *PA 16-Dic-2004."*

Illi ghalhekk fid-dawl tal-gurisprudenza ccitata, l- Qorti, fil-kawza fl-ismijiet precitati ta' **George Spiteri vs Raymond Fava**, uzat is-segwenti chart:

| **Eta tal-vittma** | **Multiplier Massimu** |
|---|---|
| 0 - 15 | 35 |
| 16 - 20 | 33 |
| 21 - 25 | 30 |
| 26 - 30 | 27 |
| 31 - 35 | 22 |
| 63 - 40 | 18 |
| 41 - 45 | 14 |
| 46 - 50 | 11 |
| 51 - 55 | 8 |
| 56 | 6 |

Il-Qorti ma jidrilhiex li ghandha tiddipartixxi mill-principji delineati fis-sentenza **Spiteri vs Fava** hawn fuq citati, u ghalhekk tqis illi fil-kawza odjerna il-multiplier ta' 8 ghandu jigi adoperat.

Bid-debilita' permanenti allura ta' mija fil-mija (100%), stante l-mewt ta' Portelli, b' eta' ta' 51 fid-data ta' l-incident b' multiplier ta' sitta (8), ai termini tas-sentenza precitata fl-ismijiet **Joseph Muscat vs Ludvic Camilleri**, u l-gurisprudenza estensiva hemm iccitata, jinholoq kumpens ta:

**€8199.06 x 8 = € 65,592.55**

Ghar-rigward tat-tnaqqis ghal-konsum, huwa ovju illi li kieku l-vittma kompla b'hajjtu, parti mill-qliegh kien ser jintefaq minnu. Bazat fuq dak li nghad fis-sentenza A. **Turner et vs F. Agius et**, deciza mill-Qorti tal-Appell fit- 28 ta' Novembru 2003, din il-Qorti taghraf li ghandu jsir tnaqqis ta' 25% mill-ammont likwidat.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina it-tnaqqis tal-lump sum payment, applikabbli ghal kaz in ezami.

Is-segwenti kawzi ccitati fil-kawza **Joseph Muscat vs Ludvic Camilleri**, jiggwidaw il-Qorti sabiex tasal ghal konkluzjoni dwar is-somma li ghandha titnaqqas bhala lump

sum: Fil-kawza **Caruana vs Camilleri** PA 5 ta' Ottubru 1993, il-Qorti hasset li kellha tnaqqas 2% ghal kull sena ta' dewmien. Gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza: "jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction" – **Agius vs Fenech** 29 ta' Ottubru, 2003.

Fil-kawza **Mizzi vs Azzopardi** PA 16 ta' Dicembru 2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi **Spiteri vs Zammit Tabona** App Civ Sup 16 ta' Marzu 1999 u **Caruana A vs Camilleri O** App Civ Sup 27 ta' Frar 2004, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% gie mnaqqas ukoll fil-kawza **Galea vs Piscopo** PA 3 t'Ottubru 2003, 5% **f'Scicluna vs Meilaq** PA 16 ta' Lulju 2001 u 0% fil-kawzi **Turner vs Agius** App Civ Sup 28 ta' Novembru 2003, **Bonnici vs Gauci** PA 15 ta' Settembru 1999 meta ghaddew 15-il sena, f'**Zammit vs Zahra** PA 20 ta'Jannar 2005 meta ghaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana** Kum 20 t'April 1990 meta ghaddew 19-il sena.

Fid-dawl tas-suespost, jigi rilevat illi fil-kaz odjern, l-incident sehh f'Marzu tal-2001, l-kawza giet intavolata **f'Settembru 2005**, u ghalhekk ghaddew madwar **ghaxar snin** mill-intavolar tal-kawza u s-sentenza finali. Il-Qorti tqis illi jkun ekwu illi l-lump sum deduction tkun ta' 10%, u dan stante illi l-atturi kien jahtu in parte ghad-dewmien ta' din il-kawza.[2]

**€ 65,592.55 – 25% - 10% = €42,635.17**

Ghalhekk il-kumpens pagabbli lill-atturi huwa ta' tnejn u erbghin elf, sitt mija, u hamsa u tletin Ewro u sbatax -il centezmu (€ 42,635.17).

2 Biss biss, l-attrici Mariella Portelli xehdet b'mod kompletament spezzetat, erbgha darbiet bejn l-2006 u l-2014, u xi drabi kienet tkun hi biss li tigi prodotta waqt is-seduta biex tixhed brevement. Dan apparti li l-atturi damu snin biex jaghlqu l-provi, anke **wara** li gew decizi l-proceduri kriminali kontra l-konvenut, u allura l-ostakolu allegat minnhom ma kienx jezisti iktar. Il-Qorti wkoll tinnota illi ghalkemm l-atturi allegaw illi d-dewmien ta' zmien kien attribwibli ghal fatt li ma setghux jipproducu lill-konvenut sabiex jixhed minhabba li kien ghadu ma xehedx fil-proceduri kriminali, l-atturi proprju **qatt** ma producew lill-konvenut biex jixhed.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, u tilqa' l-ewwel talba tal-atturi billi tiddikjara illi l-incident in kwistjoni li fih gie mtajjar u maqtul 1-imsemmi George Portelli fit-18 ta' Marzu 2001 f'Hal Far gara unikament tort tal-konvenut; tilqa t-tieni t-talba u tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi kagun l-istess incident; tilqa t-tielet talba u tillikwida l-ammont ta' danni kagunati mill-konvenut fis-somma ta' tnejn u erbghin elf, sitt mija, u hamsa u tletin Ewro u sbatax -il centezmu (€ 42,635.17).; u tilqa r-raba' talba billi tordna lill-konvenut ihallas lill-atturi in linea ta' danni s-somma hekk likwidata ta' tnejn u erbghin elf, sitt mija, u hamsa u tletin Ewro u sbatax -il centezmu (€ 42,635.17).

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut Jonathan Mifsud.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**